**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 - L-ERBGĦA, 10 TA' ĠUNJU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar fis-19:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (wasal fis-19:22) |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Matthew Barbara | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier (wasal fis-19:34) |
| | Rudy Dorekens | Ambaxxatur taż-żgħażagħ (wasal fit-19:53) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Alfred Grima | Kunsillier |
| Assenti: | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Alfred Grima kien bagħat jinfurmah permezz ta' email li ma setax jattendi minħabba impenji familjari. Kopja ta' email hija annessa f'A.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Fuq proposta tal-Kunsillier Tabone l-Kunsill qabel li fl-aħħar tat-tieni sentenza tal-paragrafu 4.13 jiżdied il-kliem u s-sentenza: "minħabba li din il-korrispondenza ngħalqet meta ttieħed il-vot. Il-Kunsillier A Grima talab lill-Aġent SE biex jagħti ruling u jgħid x'tgħid il-liġi."

2.2. Il-Kunsill approva wkoll il-proposta tal-Kunsillier Tabone li f'para. 6.4 (l-ewwel sentenza) jiddaħħlu l-kliem "bħal fil-kaz ta'" bejn il-kliem "jekk" u "Crown" u l-kliem "li hija magħluqa u" bejn il-kliem "Hotel" u "m'għandux".

2.3. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku ppreżentat talba biex il-Kunsill jagħti clearance biex fejn hemm il-ħanut Quanderos fil-Qawra jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet fejn l-estensjoni tal-bankina diġa teżisti skond ir-ritratti mehmuża ma' l-istess talba. Il-Kunsill iddikjara li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm jifred iż-żona tas-siġġijiet u l-passaġġ tal-pubbliku b'fencing u li l-umbrelel proposti ma jisporġux 'il barra miż-żona tas-siġġijiet.

3.2. Is-Sindku ppreżentat ittra li titlob il-kummenti tal-Kunsill dwar tibdil żgħir fuq naħa waħda tas-swimming zone ta' quddiem il-Pjazza ta' Buġibba. Il-Kunsill qabel li, jekk minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurtà tal-għawwiema stess, allura ma jsibx oġġezzjoni iżda talab li jekk ikun hemm l-ilmenti mill-pubbliku, id-deċiżjoni tkun riveduta u tinstab sistema alternattiva. Il-Kunsill talab ukoll li fuq in-naħa l-oħra l-irbit ma jsirx mas-sellum.

3.3. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

3.4. Tressqet talba min-naħa tal-Parroċċa ta' Burmarrad għal għajnuna finanzjarja fir-rigward ta' spejjeż li jsiru fi żmien il-festa. L-Aġent SE informa li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet, la fi flus u lanqas in kind.

3.5. Tressqet talba biex il-Kunsill ipoġġi mobile toilets għall-festa tal-Wardija.

3.6. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier D Grima.

3.7. Kien hemm qbil li jkunu msellfa l-mobile toilets tal-Kunsill iżda jridu jieħdu ħsieb it-tindif huma.

3.8. Saret talba mis-Soċjetà Mużikali San Pawl biex il-Kunsill jisponsorja trofej biex jorganizza kompetizzjoni tal-billiard pool.

3.9. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda biex tiddaħħal l-Accountant tal-Kunsill biex tispjega s-sitwazzjoni finanzjarja.

## 4. RAPPORTI FINANZJARJI

4.1. F'dan il-ħin is-Sinj. Perici Ferrante, Accountant, ippreżentat l-indikaturi finanzjarji għax-xhur Jannar-Marzu u dak għal April 2015.

4.2. Kien spjegat lill-Kunsill illi s-sitwazzjoni finanzjarja tinsab fi żbilanċ sostanzjali tant illi sal-aħħar ta' April l-indikatur kien 33.54% minn taħt meta f'kull ħin il-Kunsill suppost ikun 10% minn fuq. F'termini reali jfisser li minn żbilanċ ta' €134,810 fl-aħħar tas-sena 2014, sal-aħħar ta' April 2015 l-iżbilanċ tela' għal €427,592.

4.3. Meta l-Accountant kienet mistoqsija jekk dan huwiex dovut għall-bilanċ tal-PPP hija infurmat li dan ma kienx il-każ għaliex li jiddaħħal biss huwa dak li jkun dovut f'dik is-sena.

4.4. Wara rimarka li l-Kunsill preċedenti beda l-ħidma tiegħu bi żbilanċ, ġie spjegat li fl-aħħar ta' Marzu 2012, il-kunsill kellu bilanċ posittiv ta' Eur184,418, wara li

tnaqqsu pagamenti relatati mal-PPP anke għal toroq li kienu għadhom ma sarux, bl-indikatur ikun ta' 14.74% minn fuq.

4.5. F'dan il-ħin wasal l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ.

4.6. L-accountant infurmat ukoll li bħala parti mill-iżbilanċ kien hemm l-ammonti dovuti ta' tipping fees (aktar minn Eur100K) li għalihom il-Kunsill ma ħax rimbors mid-dipartiment u lanqas kien magħruf jekk hux se jittieħdu, kif ukoll ammont dovut mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li jeċċedi s-Eur70,000 u li wkoll ma kienx magħruf jekk hux se jingħataw lill-Kunsill. Dwar dawn kienu l-Awdituri li talbu li jkunu meqjusa li mhux se jittieħdu.

4.7. Il-Kunsillier Tabone appella lill-Kunsill biex jagħmel dak kollu possibli biex jieħu dak li hu dovut lilu.

4.8. L-Accountant ippreżentat ukoll il-Balance Sheet li għandha tkun il-bażi biex ikunu kompluti l-Financial Statements li fuqhom għandu jkun ibbażat il-mid-term audit.

4.9. Dawn ir-rapport finanzjarji kienu approvati.

4.10. Kien espress ukoll illi, fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja li l-Kunsill kien jinsab fiha, il-baġit għandu jkun rivedut u l-Kunsill għandu jillimita kemm jista' jkun l-ispejjeż tiegħu biex jiġi fuq saqajh kemm jista' jkun malajr.

4.11. Is-Sindku rringrazzjat lill-Accountant li rtirat mil-laqgħa.

## 5. KONTINWAZZJONI TAL-KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA

5.1. Dwar it-talba għat-trofej il-Kunsill għaraf li ma jistax jagħti forom ta' donazzjonijiet u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li jilqa' t-talba.

5.2. Is-Sindku ppreżentat ittra mingħand TM dwar l-estensjoni tal-bankina li kienet għada kemm saret fil-parkeġġ tax-xemxija. Il-Kunsill iddikjara li ma jaqbilx mat-talba ta' TM minħabba l-fatt illi permezz ta' din l-estensjoni effettivament tneħħa l-periklu u rebaħ parkeġġ. Il-Kunsill qabel li jipproponi lil TM li ssir laqgħa fuq il-post qabel ma tittieħed xi forma ta' azzjoni. Il-Kunsill iċċara wkoll li x-xogħol ma sarx mill-Kunsill iżda hu kien iddikjara biss li ma jsibx oġġezzjoni għar-raġunijiet imsemmija.

5.3. Issemmiet it-talba li saret biex jissewwew/jinbidlu/jsiru l-parati tas-slip way. Intqal li dawn dejjem saru mid-Dipartiment tas-Sajd. Il-Kunsillier Cremona informa li huwa kien tkellem ma' uffiċjali ta' dan id-Dipartiment li kkonfermaw li se jagħmluhom.

5.4. Il-Kunsillier Bugeja kkumenta dwar l-importanza li meta jkun hemm korrispondenza dwar qasam partikulari, dak il-Kunsillier li jkollu tali responsabbiltà jkun involut attivament.

5.5. Tressqet talba mingħand is-Sur Sandro Micallef biex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li hu jpoġġi gabbana żgħira fejn iż-żona ta' Fra Ben. Huwa wiegħed li kull filgħaxija se jneħħiha. Il-Kunsill iddikjara li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm is-Sur Micallef jieħu ħsieb li jżomm l-indafa u li jirrispetta s-soltu kundizzjonijiet marbuta mat-tpoġġija ta' gabbani filwaqt li jinġiebu l-permessi kollha neċessarji. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-awtorizzazzjoni tkun biss għal sena u li l-Kunsill jerġa jikkunsidra mill-ġdid għas-sena ta' wara.

5.6. Kienet imsemmija l-problema tan-nuqqas ta' tisqija u l-kura ta' żewġ żoni partikulari ta' ġonna. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill preċedenti kien waqqa kuntratt ta' żewġ żoni u lanqas ma kien hemm kuntratt għat-tisqija tal-pots.Għaldaqstant kien deċiż li l-Kunsill jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex issir it-tisqija u l-kura ta'

5.7. dawn iż-żoni fl-iqsar żmien possibli.

5.8. Issemmew talbiet għal kaptelli ta' inspection chambers li jitkissru u li għalihom il-Kunsill ikollu diversi talbiet biex jibdel u jirranġa. L-Aġent SE fakkar li dawn huma fir-responsabbiltà tar-residenti nfushom. Filwaqt li l-Kunsill irrikonoxxa dan il-fatt, issemmiet il-problema li fil-lokalità hemm numru kbir ta' villaġġjaturi u flats u għalhekk ikun kważi impossibli tidentifika u tikkuntattja lil min hu responsabbli. Dan iwassal biex il-Kunsill jispiċċa responsabbli hu jekk xi ħadd iweġġa fuq il-bankina. Hemm problema oħra li minħabba li ħafna drabi dawn jinkisru minn vetturi li jitilgħu fuq il-bankini, ma jkunx tort ta' sid l-inspection chamber. Għalhekk, fuq proposta tal-Kunsillier Bugeja l-Kunsill qabel illi l-Kunsill joffri l-kaptelli filwaqt li l-individwu (jekk ikun magħruf) ikun responsabbli mill-installazzjoni tagħhom. Dan sabiex ma jinqalgħux kwistjonijiet u allegazzjonijiet li l-Kunsill għamel ix-xogħol u sadd id-drenaġġ. Possibilment ukoll il-kaptelli għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill ħalli jkunu ffrankati ħafna flus.

5.9. Il-Kunsillier Cremona informa li se jkun qiegħed isir proġett għall-irranġar tal-moll u xi trinek f'Tal-Veċċja mid-Dipartiment tas-Sajd. Għal dan il-għan se ssir laqgħa mal-partijiet kollha konċernati nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju fis-sala tal-Kunsill biex ikunu spjegati d-dettalji. Se ssir laqgħa fit-3pm għas-sajjieda u oħra fil-5pm għar-residenti.

5.10. Il-Kunsillier Bugeja semma l-bżonn li ssir xi ħaġa fuq is-sitwazzjoni tad-dawl għad-dgħajjes. Il-Kunsillier Cremona informa li kien qiegħed jindaga biex jara l-possibiltà li din tgħaddi f'idejn il-Kunsill.

5.11. Il-Kunsillier Cremona semma l-ħsara fid-dawl filwaqt li l-Kunsillier Tabone staqsa jekk hux possibli li temporarjament jitpoġġa flood light.

5.12. Il-Kunsillier Bugeja ġibed l-attenzjoni dwar materji li lill-Kunsill qed jaħlulu l-ħin mil-laqgħa. Għalhekk ħeġġeġ li jkun iffurmat kumitat ħalli jiddiskuti dawn l-issues, jipprepara u jevalwa x-xogħol meħtieġ kollu u fil-Kunsill ikun ippreżentat ix-xogħol kollu kemm japprovah.

## 6. TQASSIM TA' RESPONSABBILTAJIET GĦALL-KUNSILLIERI - KONTINWAZZJONI MIL-LAQGĦA PREĊEDENTI

6.1. Il-Kunsillier Barbara informa li huwa kien lest li jaċċetta l-karigi kif indikati mis-Sindku fil-laqgħa preċedenti. Sadanittant huwa ppropona li jkun hemm Ambulanza tal-Annimali ddur ma' San Pawl.

6.2. Il-Kunsillier Tabone informa li huwa kien se jżomm ma' dak imsemmi minnu f'email bid-data tal-10 ta' Ġunju u għalhekk se jaċċetta biss il-kariga dwar Tibdil fil-Klima.

6.3. Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier A Grima kien bagħat email jiddikjara li ma jħossx li huwa l-persuna adatta għall-kariga tal-Agrikoltura, Biedja u Sajd. Kien lest

jaċċetta l-kariga dwar inizjattivi Kummerċjali Ġodda kemm-il darba tkun abbinata mat-titjib u t-tkabbir tal-kummerċ filwaqt li talab li jservi fuq il-pubblikazzjoni tal-magazine tal-Kunsill kif ukoll fuq il-ġemellaġġi.

## 7. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI

7.1. L-Aġent SE ressaq il-lista ta' kontijiet pendenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa informa wkoll li apparti din il-lista, ħass li għandu jinforma wkoll lill-Kunsill li hemm numru ta' pagamenti li f'dan l-istadju ma jidhirlux li għandu jressahom għall-approvazzjoni minħabba li għad irid jindaga fid-dettall dwarhom.

7.2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet skont il-lista ta' kontijiet ta' kontijiet annessa f'B.

7.3. L-Aġent SE informa li kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jistampa stickers biex jinbiegħu lil dawk li jiġu għall-permessi u li jkollhom bżonn ineħħu l-parkeġġ. S'issa l-Kunsill kien qiegħed jistampa karti hu, mingħajr m'għandu obbligu, u bi spejjeż żejda. Huwa kompla jispjega li mill-esperjenza tiegħu, dawn it-tip ta' stickers ikunu jidhru aktar uffiċċjali, rispettati aktar u jkunu mxfittxija aktar mill-applikanti. Il-Kunsill qabel li tintgħażel l-irħas kwotazzjoni filwaqt li l-prezz għal kull sticker ikun ta' 50c li jkun biżżejjed biex il-Kunsill ikopri l-ispejjeż tagħhom.

7.4. L-Aġent SE ressaq il-kwotazzjonijiet għall-MS Office. Huwa fakkar li kienet diġà għaddiet komunikazzjoni interna bejn il-Kunsillieri u li kemm hu u kemm il-Viċi Sindku kienu ressqu xi kummenti. Il-Kunsill qabel li għandhom jiddiskutu bejniethom il-Viċi Sindku u l-Aġent SE u dak li jaqblu bejniethom ikun ikkonfermat mill-Kunsill bħala maqbul diġà.

## *8.* IL-KWISTJONI TAL-*BRING IN SITES*

8.1. Il-Kunsill kien infurmat li hemm problema li jidher li kienet ġejja mill-fatt illi l-Kunsill kien iddeċieda li l-bring in sites kollha jsiru biss għall-ħġieġ. Għalhekk il-kuluri saru irrilevanti u l-pubbliku ma setax jidhra li dawk jintużaw biss għall-ħġieġ bil-konsegwenza li kien qiegħed jitħallat il-ħġieġ ma' plastik, karti u landa. Dan wassal għal twissija minn Green MT minħabba li dan l-iskart mhux qed ikun aċċettat mill-impjant ta' Sant Antnin u għalhekk qed ikollu jintrema bħala skart imħallat u bi spiża ħafna akbar. Għalhekk Green MT waqfet tbattalhom sakemm il-Kunsill jaċċetta li jħallas l-ispejjeż kollha involuti.

8.2. Il-Kunsillier Tabone spjega r-raġuni għal din id-deċiżjoni u li prinċipalment kienet ġejja mill-fatt li kien hemm ħafna aktar bżonn ta' spazju fejn jintrema l-ħġieġ għaliex il-Kunsill kien qiegħed joffri servizz tajjeb bieb bieb għal ġbir tal-materjal l-ieħor iżda mhux għall-ħġieġ.

8.3. Kien hemm qbil li fis-sitwazzjoni li jinsabu, dawn għandhom jitreġġgħu lura għan-normal bil-kuluri jintużaw skont ir-regoli stabbiliti. Jekk ikun hemm problemi, jiġu kkunsidrati skont kull każ.

8.4. Saret ukoll diskussjoni dwar il-problema tal-iskips (bins on wheels). Il-Viċi Sindku ippropona li jkunu msebbħa madwarhom ħalli jħajjru aktar nies jużawhom aħjar.

8.5. Is-Sindku infurmat li għandha tinħareġ memo lis-sidien tan-negozju biex il-Kunsill isib koperazzjoni akbar f'dan il-qasam.

8.6. Is-Sindku infurmat ukoll li wasal iż-żmien biex tinħareġ sejħa għal kuntratt ġdid tal-iskema tal-ġbir ta' skart riċiklabbli liema xogħol bħalissa qed isir mill-kumpanija Green MT.

## 9. POST TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

9.1. Kien hemm qbil li jinħatar Kumitat tal-għażla magħmul mis-sindku u mill-Kunsillieri Fenech u Bugeja.

## 10. IL-PROĠETT TAL-*OUTDOOR GYM*

10.1. Is-Sindku infurmat illi wara li tlesta x-xogħol tal-outdoor gym, kien għad fadal ammont ta' fondi minn dawk approvati u għalhekk kien xieraq li possibilment dawn jintużaw biex isiru aktar attrezzar. Kien għalhekk li saret talba għall-estensjoni fiż-żmien biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel aktar xogħol.

10.2. Kien hemm qbil li għandhom jitħejjew id-dettalji biex issir it-talba uffiċċjali għall-utilizzar ta' dan il-bilanċ tal-fondi.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1. Il-Kunsilliera Bezzina semmiet problema ta' bankina li tbaxxiet u nħolqot rampa perikoluża fi Triq Sant'Artistarku. Dwar dan kien hemm qbil li tittieħed l-azzjoni neċessarja sabiex jitneħħa dan il-periklu.

11.2. Il-Kunsillier Bugeja ilmenta fuq kwistjoni li qamet fuq għodda li kellha tkun mislufa lil persuna li offra li jnaddaf iż-żona tal-Ġnien Olimpiku. Kien hemm qbil li għandha ssir verifika tal-għodda li għandu l-Kunsill u li l-għodda bażika għandha tkun disponibbli.

11.3. Issemmiet il-kwistjoni tal-istreaming fejn l-Aġent SE spjega li minħabba li din kienet miżmuma fuq is-servers fejn il-Kunsill għandu l-website, u peress li l-website mhux tiffunzjona, allura wieħed ma jistax isegwi l-laqgħat fuq streaming. Huwa kien talab lill-kumpanija li ssuplixxiet l-apparat u dawn offrew li jżommuha fuq is-servers tagħhom għall-prezz ta' Eur100 fis-sena.

11.4. F'dan l-istadju l-Viċi Sindku ippropona li jkun iffurmat sottokumitat responsabbli mill-IT. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku informa li se javviċina żewġ persuni li huma intiżi fis-suġġett.

11.5. Il-Kunsillier Bugeja ppropona li jsir siġġu li jinżel fil-Baħar biex jintuża mill-persuni b'diżabilità. Is-Sindku infurmat li dwar dan kienet ressqet talba lill-Awtorita' tat--Turiżmu.

11.6. Kienet diskussa l-kwistjoni tal-latrini fejn kien konfermat li sar titjib kbir wara li qed isir tindif mill-ħaddiema tal-Kunsill u li dan kien qiegħed jiswa lill-Kunsill inqas flus.

11.7. Il-Kunsill kien infurmat li saret laqgħa dwar il-berġa minħabba li d-Dipartiment tal-Kura Primarja kien qiegħed jitlob lill-Kunsill biex jieħu r-responsabbiltà tal-

Berġa f'idejh.  Din il-żBerġa kienet ilha magħluqa għal diversi xhur iżda ma kienx sar il-manutenzjoni neċessarju. Matul l-aħħar jiem sar qbil li jsir il-manutenzjoni neċessarju mid-Dipartiment.  Dan infatti sar u l-Berġa se terġa tibda topera mill-post oriġinali mit-Tnejn 15 ta' Ġunju.  Sadanittant il-Kunsill ma qabilx li għandu jieħu r-responsabbiltà tal-Berġa.

11.8. Tqajjem is-suġġett tal-applikazzjonijiet biex jitħalla spazju għall-karozzi tat-tiġijiet fejn kien hemm qbil li dawn għandhom jingħataw spazju limitat raġonevoli wara li tkun addottata policy dwar dan.

11.9. Il-Kunsillier Tabone informa li l-Kunsill kellu erba' Bye Laws jistennew l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

11.10. Il-Kunsillier Cremona semma l-bżonn li jsir xi ħaġa fuq l-irmonk tal-vetturi abbandunati.

11.11. Il-Kunsilliera Fenech infurmat li l-irħas offerta tal-kotba kienet mingħand BDL. L-Aġent SE informa li qabel ma jkun hemm konferma se jiċċekkja l-liġi fir-rigward ta' donazzjonijiet ta' kotba lill-iskejjel filwaqt li l-Kunsill approva li jingħata dak li hu permess mir-regolamenti finanzjarji.

11.12. F'dan il-ħin l-Aġent SE informa li t-tliet siegħat stabbiliti għal-laqgħa kienu skadew u għalhekk il-Kunsill għandu jaqbel b'mod unanimu jekk irid li titkompla l-laqgħa.  Il-Kunsill qabel unanimament li jkompli bil-laqgħa.

11.13. Issemmiet il-problema tal-bollard ta' Triq Sant Antnin u li l-Kunsill se jkollu jordna arloġġ tad-dawl għaliha.

11.14. Il-Kunsilliera Fenech semmiet ukoll problemi li tressqu lilha dwar il-ħinijiet permessi għad-deliveries fi Triq il-Pijunieri għaliex huma ristretti ħafna.  Il-Kunsill però kien infurmat li l-uniċi tabelli li jispeċifikaw deliveries sad-9:30am kienu biss tal-Pjazza.  Issemma għalhekk li t-tabelli ta' Triq Sant Antnin jistgħu ikunu żbaljati.

11.15. Il-Kunsillier Vella informa li kien qiegħed jattendi għal-laqgħat taż-żgħażagħ.

11.16. Il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li ssir aġġornament tal-ħinijiet meta jinġabar l-iskart biex possibilment ir-residenti fil-flats ikunu infurmati tajjeb.

11.17. Il-Kunsillier Vella semma li hemm problema ta' ħaxix li għandu bżonn jinqata' f'Burmarrad.

11.18. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li dwar il-ħinijiet tal-ġbir ta' skart għandhom isiru stickers bil-ħinijiet.

11.19. Il-Kunsillier Barbara semma l-bżonn ta' bus shelter fi Triq il-Qawra.  Semma wkoll bankina mkissra li teħtieġ azzjoni.

11.20. Il-Kunsillier Cremona informa li l-bini int u tiela t-telgħa tax-xemxija jinsab mitluq, liema bini, skond informazzjoni li għandu hu propjetà ta' sid Gaetan Fuel Station taż-Żurrieq, qed ikun suġġett għal dħul ta' *squatters.*

11.21. Il-Viċi sindku talab li jinżebgħu il-marki tal-istop li m'għadhomx jidhru ħafna minħabba l-periklu li jista' jinħoloq.

11.22. Il-Kunsillier Piscopo informa li kien hemm problema mit-trinka li saret mal-ħajt tal-iskola tal-Wardija.  Ilmenta li kien hemm il-bankina tax-xemxija li fiha ħafna ħaxix.

11.23. Il-Kunsillier Cremona informa li r-Red Cross kienu se jieħdu ħsieb isegwu fuq il-*perched beach* ta' Buġibba u anki fiż-żona ta' Fra Ben.

12. **DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS**

12.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 8 ta' Lulju fis-7pm.

12.2. Il-laqgħa intemmet fl-22:30.

| | |
|---|---|
| **Graziella Galea**<br>Sindku | **Paul Gatt**<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |